MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1729/2004

**Atlas Insurance Limited, de proprio kif ukoll kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha M. Demajo (Timbers) Limited**

**Vs**

**M.M.S. Ltd bhala agent tas-socjeta` estera Intimacy Shipping Snt. Vincent, armatur u/jew noleggjatur tal-bastiment "M.V. Audacious", Spencer Buildings, Fourth Floor u The Cargo Handling Co. Ltd**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Frar 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' Lm1014.14 (elf u erbatax-il Lira Maltin u erbatax-il centezmu) dovuti ghal risarciment ta' danni.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Din hija istanza fejn is-socjeta` attrici qed titlob il-kundanna tas-socjetajiet konvenuti – jew min minnhom – ghal risarciment ta’ danni fl-ammont komplessiv ta’ elf u erbatax-il lira erbatax-il centezmu (Lm1014.14) in kwantu ghal Lm976.14 li sborsat a favur l-assikurat taghha M. Demajo (Timbers) Limited bhala indennizz (ghal liema hlas is-socjeta` attrici kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha) u in kwantu ghal Lm38 li sborsat bhala “survey fees” u dan wara li s-socjeta` assikurata garrbet nuqqas ta’ zewg (2) bundles injam minn konsenja ta’ hamsa u sittin (65) bundles li waslet Malta fl-10 ta’ Dicembru 2003 fuq il-bastiment “Audacious”, ghal liema nuqqas kienu responsabbli s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom.

Oltre d-danni, is-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ghandhom ihallsu l-ispejjes tal-kawza flimkien mal-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes u dana stante illi s-socjeta` esponenti mhix responsabbli ghad-danni reklamati mill-atturi, stante illi hija qdiet l-obligi taghha u dana jidher mill-fatt illi l-merkanzija tas-socjeta` M.Demajo (Timbers) Limited wasal Malta kollu kemm hu minghajr ebda nuqqasijiet u inhatt minn fuq il-vapur kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

Salv eccezzjonjiet ohra.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi fuq il-vapur “Audacious” tghabbiet il-merkanzija kollha ndirizzata lil M. Demajo (Timbers) Ltd. pero` dawn irtiraw 63 (tlieta u sittin) “bundle” biss.

Illi l-pendenza tirrisolvi ruhha bejn kemm niezlu minn fuq il-vapur u gie maggazinat fuq il-moll taht it-tinda. Is-socjetajiet konvenuti jaqblu fuq il-numru li niezel minn fuq il-vapur u jaqblu ukoll fuq in-numru li gie rtirat mis-socjeta` assigurata mas-socjeta` attrici.

Illi jirrizulta li xi “bundles” ma kienux immarkati – u biex tinghalaq il-partita, jigi nvestigat ta’ min setghu jkunu. Veru izda M. Demajo baqghet b’xejn!

Illi l-interess tal-importatur huwa li jara li l-merkanzija tieghu tigi konsenjata lili u mhux lil terzi. Dak li suppost niezel minn fuq il-vapur kellu jigi lilu konsenjat. Ghalhekk, il-kwistjoni bejn il-konvenuti hija res inter alias acta ghas-socjeta` attrici.

Illi s-socjeta` attrici ppruvat a sodisfazzjoni tat-Tribunal li l-merkanzija waslet hawn Malta. X’gara minnha fil-waqt li kienet fil-pussess tas-socjetajiet konvenuti ma ghandhiex taghmel fronti s-socjeta` attrici. Stava lilhom li juru x’gara minnha. Jidher li iz-zewg socjetajiet konvenuti ppruvaw jakkollaw il-htija partikolarment fuq xulxin. Dana ma rnexxilhomx jaghmluh. Fil-konfront tal-attur, ir-responsabbilita taghhom hija solidali.

Illi l-quantum tad-danni sofferti ma giex kontestat u ghalhekk qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u jikkundannhom ihallsu in solidum is-somma ta’ elf u erbatax-il lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm1,014.14) bl-ispejjes u interessi kif mitluba similament in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------